MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 808/2012

**Carmel Schembri K.I. 0532350(M)**

**vs.**

**Martin Borg K.I. 164355(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2012, li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf, ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro (€1552) rappreżentanti ħlasijiet magħmula minnu għal servizzi professjonali li huwa ngħata fil-kors ta' proċeduri ta' oġġezzjoni ta' żvilupp propost quddiem il-Bord tal-MEPA, liema oġġezzjoni mressqa mill-konvenut ġiet finalment respinta.

Ra r-**risposta tal-konvenut** ippreżentata fit-12 ta' Frar 2013, fejn huwa eċċepixxa:

- Illi l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur;

- Illi ma hemm ebda ness ġuridiku bejn iż-żewġ partijiet għall-finijiet tat-talba tal-attur;

- Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba tal-attur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u l-esponent ma għandux jiġi kkundannat iħallas lill-attur;

- Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tal-attur huwa eċċessiv;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-23 ta' Jannar 2014 fejn il- kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

L-attur kien qiegħed jitlob permess għal żvilupp fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal-Luqa, liema żvilupp kien qiegħed jiġi kontinwament oġġezzjonat mill-konvenut li joqgħod fl-istess blokka tal-attur. L-oġġezzjoni tiegħu saret kemm permezz tal-Qrati ordinarji tagħna fejn il-konvenut intavola diversi mandati t'inibizzjoni, liema mandati ġew respinti. L-oġġezzjoni saret ukoll fi ħdan l-Awtorita′ għall-Ambjent u l-Iżvilupp (MEPA).

Il-kawża odjerna titratta sewwasew l-ispejjeż professjonali li għamel l-attur sabiex iwieġeb għall-appell li ntavola l-konvenut quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell ġie respint permezz ta' sentenza datata 28 ta' Lulju 2011.
L-attur ħtieġlu iqabbad Perit u wkoll avukat sabiex jassistuh f'dawn il-proċeduri, fejn għall-avukat huwa ħallas is-somma komplessiva ta' elf Ewro (€1000), filwaqt illi għall-Perit ħallas is-somma ta' ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro (€552). Dawn iż-żewġ

somom huma ppruvati mix-xhieda tal-Avukat Roberto Montalto u wkoll mill-irċevuti fiskali relattivi.

Il-konvenut ma jikkontestax il-fatt li l-appell tiegħu ġie respint u lanqas il-fatt li l-attur għamel l-ispejjeż professjonali. Huwa pero′ jikkontesta l-ammont reklamat bħala wieħed eċċessiv. Fi kwalunkwe każ, l-oġġezzjoni primarja tal-konvenut tirrisali għall-argument legali li huwa kellu kull dritt jagħmel l-appell tiegħu u m'għandux ibati l-ispejjeż inkorsi mill-attur.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ispejjeż mertu ta' din il-kawża ġew inkorsi waqt proċeduri fi Tribunal Amministrattiv speċjali, f'liema Tribunal japplikaw proċeduri u regolamenti speċjali kif stipulati mil-liġi speċjali li tirregola l-istess Tribunal u cioe it-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kapitlu 504 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi din il-liġi ma tistipula xejn dwar l-ispejjeż relatati mal-Appelli u min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għalihom. Fil-fatt, il-Bord li ppreseda l-istess Tribunal, fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2011, ma jgħid xejn dwar l-ispejjeż tal-appell.

It-Tribunal jikkunsidra wkoll illi l-istess liġi speċjali tistipula s-segwenti:

> *"13. It-Tribunal jista' jqis li appell ġie abbandunat jekk l-appellant ma jurix interess fl-appell li huwa jagħmel.*
> *14. It-Tribunal jista' jimponi multa ta' € 2,500 f'każijiet li fihom jiddikjara dawn il-proċeduri frivoli jew vessatorji u f'każijiet bħal dawn, id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun finali mingħajr ebda rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)."*

Dawna l-artikoli qegħdin jiġu ċitati stante illi t-Tribunal ta' Reviżjoni m'applikax dawn l-artikoli fil-każ tal-appell intavolat mill-konvenut, u għaldaqstant l-istess Tribunal, minkejja li ċaħad l-appell, ma kkunsidrahx la "abbandunat" u lanqas "frivolu".

It-Tribunal ikkonsidra wkoll illi l-attur stqarr fit-trattazzjoni finali, li n-natura tal-azzjoni tiegħu hija waħda delittuża. Għaldaqstant kien jinkombi lill-attur illi jipprova r-responsabbilta tal-konvenut.

Hija l-fehma tat-Tribuna, illi l-attur naqas milli jipprovdi n-negliġenza tal-konvenut. L-atti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni pjuttost jindikaw, illi l-każ ma kienx wieħed ta' negliġenza imma l-konvenut kellu, kemm hu u wkoll martu, problemi mediċi f'dak il-perjodu, li wassluh biex ikun assenti mill-proċeduri. Fin-nuqqas ta' prova ta' negliġenza l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi.

L-attur stqarr ukoll illi mhux kull appellant quddiem il-MEPA għandu dritt jirreklama l-ispejjeż imma f'dan il-każ l-attur għandu dritt li jirreklamahom stante li l-appell kien vessatorju.

Il-konvenut, min-naħa l-oħra, jsostni li l-appell tiegħu ma kienx vessatorju, fl-ewwel lok għaliex l-attur kien bena illegalment mingħajr il-permess neċessarju u għalhekk l-iżvilupp kellu jii sanat; fit-tieni lok, għaliex inizjalment l-applikazzjoni tal-iżvilupp tal-attur kienet ġiet miċħuda.

Dan it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li l-appell intavolat mill-konvenut kien vessatorju għaliex id-dritt tiegħu li jappella huwa dritt mogħti lilu mil-liġi irrispettivatment mill-ammont ta' mandati li huwa kien diġa intavola u li kienu diġa ġew respinti, u għalhekk m'huwiex qed jilqa' t-talba attriċi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jiċħad it-talba tal-attur u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------